MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 858/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Poly Protech Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c. fejn gie premess :-

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni numru 1073/98 GCD) giet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1121.63 (elf mija wiehed u ghoxrin lira u tlieta u sittin centezmu), bl-imghax u bl-isepejjez;

Illi mill-imsemmija somma s-socjeta konvenuta ma halset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm530.90 (hames mija u tletin lira u disghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-15 ta' Novembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm1652.53 (elf sitt mija tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu), salv l-ispejjez u d-drittijiet professjonali u kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti, filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta, qed titlob li tigi awtorizzata tipprocedi bil-mandati opportuni asbiex tigi esegwita s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2006 min fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

It-talbiet tas-socjeta rikorrenti jirrizultaw b'mod sufficjenti u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------